

**AVVIŻ TA' REKLUTAĠĠ PE/147/S — DIRETTUR****(Grupp ta' funzjonijiet AD, grad 14)****DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI — DIRETTORAT GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-IMPATT**

(2011/C 223 A/06)

**1. Pożizzjoni battala**

Il-President tal-Parlament Ewropew iddeċieda li jniedi l-proċedura biex timtela l-pożizzjoni ta' **Direttur** (AD, grad 14) fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni u l-Konferenzi tiegħu — Direttorat għar-Riżorsi, skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>(iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”).

Din il-proċedura ta' għażla, li għandha l-iskop li tagħti lill-Awtorità tal-Ħatra għażla akbar ta' kandidati, se tiżvolġi b'mod parallel mal-proċedura interna u interistituzzjonali ta' reklutaġġ.

Ir-reklutaġġ se jsir għall-grad AD14 <sup>(2)</sup>. Is-salarju bażiku huwa ta' EUR 13 216,49 fix-xahar. Ma' dan is-salarju bażiku, li huwa suġġett għat-taxxa Komunitarja u eżenti mit-taxxa nazzjonali, jistgħu jiżdiedu ċerti allowances skont il-kundizzjonijiet previsti mir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidati għandhom jinnutaw li dan l-impjieg huwa suġġett għar-Regolamenti dwar il-Politika ta' Mobilità adottati mill-Bureau tal-Parlament Ewropew fid-29 ta' Marzu 2004.

Dan l-impjieg jirrikjedi d-disponibilità, kuntatt frekwenti ma' nies fil-Parlament u barra minnu, b'mod partikolari mal-Membri tal-Parlament Ewropew. Il-persuna responsabbli se tkun mitluba tivvjaġġa ta' spiss bejn il-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew.

**2. Post tax-xogħol**

Brussell. Dan l-impjieg huwa suġġett għal trasferiment f'xi wieħed mill-postijiet tax-xogħol l-oħra tal-Parlament Ewropew.

**3. Opportunitajiet indaqs**

Il-Parlament Ewropew japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, l-orijġini etnika jew soċjali, il-karatteristiki ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politiki jew opinjoni oħrajn, l-appartenenza f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

**4. Deskrizzjoni tal-impjieg**

Uffiċjal ta' livell għoli li, kif imfisser fil-linji gwida u d-deċiżjonijiet stabbiliti mill-Awtorità Parlamentari u mid-Direttorat Ġenerali, għandu dawn id-dmirijiet <sup>(3)</sup>:

- jiżgura l-funzjonament tajjeb ta' dipartiment kbir tas-Segretarjat Ġenerali,
- jissorvelja, jistimula, jimmotiva u jikkoordina tim wieħed jew aktar ta' aġenti sabiex isir l-aħjar użu miriżorsi tad-dipartiment filwaqt li jiżgura servizz ta' kwalità għolja (organizzazzjoni, amministrazzjoni tarriżorsi umani u baġitarji, innovazzjoni, amministrazzjoni tas-servizzi loġistiċi u tal-informatika) fil-qasam ta' attività tiegħu,
- jippjana l-attivitajiet tad-Direttorat (definizzjoni tal-oġġettivi u l-istrategġiji) — jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti — jevalwa s-servizzi pprovduti bl-iskop li tiġi garantita l-kwalità tagħhom,

<sup>(1)</sup> ĠUL 124, 27.4.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> Meta jiġi reklutat, l-uffiċjal jingħata grad skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal.

<sup>(3)</sup> Għad-dmirijiet prinċipali, ara l-Anness.

- jagħti pariri lid-Direttur Ġenerali, lis-Segretarjat Ġenerali u lill-Membri tal-Parlament dwar il-qasam ta' attività tiegħu,
- jikkoopera mad-direttorati differenti tas-Segretarjat Ġenerali, jirrappreżenta lill-Istituzzjoni u jinnegozja kuntratti jew ftehimiet fil-qasam ta' attività tiegħu,
- imexxi u jwassa fi tmiemhom il-proġetti speċifiċi li jistgħu jinvolvu responsabilitajiet finanzjarji,
- iwettaq il-funzjoni ta' uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega.

## 5. Eliġibilità (profil meħtieġ)

Din il-proċedura ta' għażla hija miftuħa għall-kandidati kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin sad-data meta jagħlqu l-applikazzjonijiet:

### (a) **Kundizzjonijiet ġenerali**

Bi qbil mal-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kandidati jridu b'mod partikolari:

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,
- igawdu mid-drittijiet ċiviċi tagħhom,
- ikunu ssodisfaw kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari,
- jipproduċu r-referenzi ta' karattru mitluba għat-tweqqiq tad-dmirijiet previsti.

### (b) **Kundizzjonijiet speċifiċi**

#### (i) *Kwalifiki, diplomi u esperjenza professjonali meħtieġa*

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali ta' dawn l-istudji universitarji jkun ta' erba' snin jew aktar, jew
- livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ċertifikati b'diploma flimkien ma' esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena <sup>(2)</sup>, meta l-perjodu normali tal-istudji universitarji jkun għall-inqas ta' tliet snin,
- mill-inqas **tnax-il sena** esperjenza professjonali miksuba wara li jkun nkisbu l-kwalifiki msemmija fl-ewwel punt, fosthom mill-inqas **sitt snin** ta' esperjenza maniġerjali.

#### (ii) *Għarfien meħtieġ*

- Għarfien kulturali ġenerali eċċellenti tal-affarijiet Ewropej,
- fehim eċċellenti ta' kwistjonijiet politiċi interni, nazzjonali u internazzjonali,
- fehim tajjeb ħafna tal-kulturi differenti rappreżentati fi ħdan l-istituzzjonijiet,
- għarfien eċċellenti tat-Trattati,
- għarfien eċċellenti tal-istruttura tas-Segretarjat Ġenerali, tal-organizzazzjoni u l-ambjent tiegħu u ta' dawk involuti fiha,
- għarfien eċċellenti tar-Regoli tal-Parlament Ewropew, tal-proċeduri leġiżlattivi, tar-regoli u l-prattiki interni,
- għarfien eċċellenti tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-interpretazzjoni tagħhom u tar-regoli derivati,
- għarfien tajjeb ħafna tar-Regolament Finanzjarju, tar-regoli għall-implimentazzjoni, tar-regoli interni u ta' testi oħra subordinati tal-Parlament Ewropew,

<sup>(1)</sup> L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma: il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

<sup>(2)</sup> Din is-sena ta' esperjenza ma titqiesx għall-evalwazzjoni tal-esperjenza professjonali li jirreferi għaliha l-punt li jmiss.

- għarfien amministrattiv tajjeb ħafna (riżorsi umani, ġestjoni, baġit, finanzi, informatika, kwistjonijiet legali, eċċ.),
- għarfien eċċellenti tat-tekniki tal-immaniġġjar.

(iii) *Għarfien lingwistiku*

Il-pożizzjoni tesiġi għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> kif ukoll għarfien tajjeb ħafna ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi.

Il-Kumitat Konsultattiv iqis ukoll l-għarfien ta' lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

(iv) *Kapaċitajiet meħtieġa*

- Sens ta' strateġija,
- kapaċità maniġerjali,
- kapaċità ta' ppjanar bil-quddiem,
- kapaċità ta' reazzjoni għall-avvenimenti,
- approċċ metikoluż,
- kapaċità ta' komunikazzjoni.

## 6. Proċedura tal-għażla

Sabiex jgħin lill-Awtorità tal-Ħatra fl-għażla tiegħu, il-Kumitat Konsultattiv għall-ħatra ta' uffiċjali għolja se jistabbilixxi l-lista ta' kandidati u jirrakkomanda lill-Bureau l-ismijiet tal-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista. Il-Bureau jiffinalizza l-lista ta' dawn il-persuni, il-Kumitat jagħmel l-intervisti u jissottometti r-rapport finali tiegħu lill-Bureau għad-deċiżjoni. F'dan il-qafas, il-Bureau jkun jista' jipproċedi għas-smiġh tal-kandidati.

## 7. Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

Il-kandidati huma mitluba jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom (u jikkwotaw ir-referenza għall-"avis de recrutement numéroté PE/147/S"), u jinkludu ittra ta' motivazzjoni u *curriculum vitae* fil-format tal-Europass fl-indirizz <sup>(2)</sup> li ġej:

**Monsieur le Secrétaire général**  
**Parlement européen**  
**Bâtiment Konrad Adenauer**  
**2929 Luxembourg**  
**LUXEMBOURG**

L-applikazzjoni għandha tintbagħat bil-posta reġistrata sa mhux aktar tard mit-**13 ta' Awwissu 2011**, kif ikkonfermat mit-timbru tal-posta.

Il-kandidati li jissejħu għal intervista jridu jipprovdu <sup>(3)</sup> sad-data tal-intervista, kopji jew fotokopji tad-dokumenti li jikkonfermaw l-istudji tagħhom, kif ukoll l-esperjenza professjonali tagħhom u l-attività li jeżerċitaw attwalment. Dawn id-dokumenti ma jingħatawx lura lill-kandidati.

<sup>(1)</sup> Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: il-Bulgaru, l-Ispanjol, iċ-Ċek, id-Daniż, il-Ġermaniż, l-Estonjan, il-Grieg, l-Ingliż, il-Franċiż, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, l-Ungeriz, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, il-Finlandiż u l-Isvediż.

<sup>(2)</sup> <http://europass.cedefop.europa.eu/>

<sup>(3)</sup> Dan ma japplikax għall-kandidati li jkun fis-servizz tal-Parlament Ewropew sad-data meta jagħlqu l-applikazzjonijiet.

## ANNEX

**DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI —  
DIRETTORAT GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-IMPATT****1. DMIRIJET PRINĊIPALI**

- Jiżgura l-koordinazzjoni u l-animazzjoni tal-attivitajiet tad-Direttorat,
- Jeżerċita s-setgħat ta' awtorità tal-ħatra,
- Jiżgura l-ġestjoni ta' proġetti,
- Jirrappreżenta lill-Istituzzjoni f'diversi kumitati interni u forums interistituzzjonali,
- Iwettaq il-funzjoni ta' uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega.

**2. ORGANIGRAMMA**

- 1 Direttur,
- 1 Assistent.

**DIRETTORAT GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-IMPATT****1. DMIRIJET PRINĊIPALI**

Id-Direttorat għall-Evalwazzjoni tal-impatt għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-indipendenza istituzzjonali tal-Parlament billi jgħinu jidentifika, jikkwantifika u jiġġustifika l-prijoritajiet politiċi ġenerali tiegħu u jeżamina l-prijoritajiet tal-istituzzjonijiet l-oħra b'mod approfondit. Biex jagħmel dan, id-Direttorat għandu:

- Jevalwa l-impatt tal-inizjattivi parlamentari, b'mod partikolari l-inizjattivi leġiżlattivi bbażati fuq l-Artikolu 225 u d-dispożizzjonijiet l-oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jevalwa l-impatt tal-emendi tal-Parlament u jeżamina jew jikkontrolla l-attivitajiet ta' analiżi ta' impatt u l-istudji ta' impatt *ex post* tal-Kummissjoni Ewropea (jew, jekk ikun il-każ, tal-Kunsill),
- Iwettaq evalwazzjonijiet tal-impatt baġitarju u jassisti lill-Parlament fil-missjoni l-ġdida tiegħu skont il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ekonomiku,
- Janalizza r-rapport bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji fl-oqsma politiċi kollha fir-rigward tal-valur miżjud Ewropew ta' inizjattiva u l-ispejjeż tan-non-Ewropa,

Il-ħidma tad-Direttorat għall-ewalwazzjoni tal-impatt se titwettaq minn kumitat ta' monitoraġġ magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew.

**2. ORGANIGRAMMA**

- 12 Amministraturi,
  - 8 Assistenti.
-